2025/266

12.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/266

tal-11 ta' Frar 2025

li jirrettifika r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/45 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba żball tekniku, l-Anness li jelenka kumpaniji oħra li kkooperaw, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/45 ([2]), kien nieqes f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-Anness jeħtieġ li jiżdied mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/45 biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa ta' dak l-att.

(2) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/45 jiġi kkoreġut kif xieraq.

(3) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/45, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għall-produtturi esportaturi kollha li se jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/45, it-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/45 tat-8 ta' Jannar 2025 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/45, 9.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/45/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Ir-RPĊ):

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-RPĊ	Lingong Heavy Machinery Co., Ltd.	89DP
Ir-RPĊ	Zoomlion Intelligent Access Machinery Co., Ltd.	89DQ
Ir-RPĊ	XCMG Fire Fighting Safety Equipment Co., Ltd.	89DR
Ir-RPĊ	Sunward Intelligent Equipment Co., Ltd.	89DS
Ir-RPĊ	Haulotte Access Equipment Manufacturing (Changzhou) Co., Ltd.	89DT
Ir-RPĊ	Fronteq (Changzhou) Machinery Co., Ltd.	89DU
Ir-RPĊ	Jiangsu Liugong Machinery Co., Ltd.	89DV
Ir-RPĊ	Hangcha Group Co., Ltd.	89DW
Ir-RPĊ	Shandong Chufeng Heavy Industry Machinery Co., Ltd.	89DX
Ir-RPĊ	Reeslift Ltd.	89DY
Ir-RPĊ	Mantall Heavy Industry Co., Ltd	89DZ
Ir-RPĊ	Shandong Qiyun Group Co., Ltd	89EA
Ir-RPĊ	Jinan Juxin Machinery Co., Ltd	89EB
Ir-RPĊ	Shandong Yuntian Intelligent Machinery Equipment Co., Ltd.	89EC